# L-INĦAWI TA' SELMUN

Il-ġżejjer ta' Selmun, magħrufin ukoll bil-gżejjer ta' San Pawl jew ta' Barba Marku, huma tnejn imgħaqqdin b'istmu dejjaq, twil 250 jarda, u jinsabu fuq il-ponta tat-Tramuntana ta' San Pawl-il Baħar.

Iż-żgħira (ta' barra) hi twila 470 jarda u wiesgħa 200 jarda, u l-oħra ta' ġewwa hi twila 560 jarda u wiesgħa 300 jarda. Jagħtu wiċċ ta' nofs mil kwadru u bogħod mill-art 130 jarda.

Dawn il-Gżejjer kienu ta' ċerta familja Salomone. Fl-1576 il-Gran Mastru La Cassiere kien ta dawn il-gżejjer lil ċertu Marku De Maria, bdot tax-Xwieni ta' Malta, bħala rigal għall-qlubija tiegħu.

Kif tgħidilna l-istorja, dan Marku kien ġej bl-ixprunara tiegħu mix-xtajta ta' Barbarija u meta kien qrib Għawdex, għamel għalih xambekk Tork li kien jiġġerra qrib il-Gżejjer ta' Malta kontra l-Insara. Wara ħafna qdif, ix-xambekk kien għoddu laħaq lill-ixprunara kif waslu qrib San Pawl-il Baħar, u dan Marku biex ma jaqax priża tat-Torok għamel manuvra u b'hekk salva l-ixprunara u għarraq lix-xambekk. U kif?......

Marku għadda mill-kanal li jifred dawn il-gżejjer billi, kif wasal fuqu, ordna lin-nies tiegħu għal fuq il-poppa. Il-pruwa ntrefgħet, qadfu u għaddew biċċa mill-kanal; raġa mbagħad Marku ordna lin-nies imorru fuq il-pruwa, l-poppa ntrefgħet u b'hekk għadda għan-naħa l-oħra.

Wara żmien, din il-gżira għaddiet bħala wirt lil ċerta sinjura Vitali li fis-sena 1619 ħalliet il-wirt tagħha kollu għall-fidwa ta' l-ilsiera Maltin. Wara żmien il-bini għadda taħt idejn il-Gvern u llum dawn il-gżejjer huma mqabblin għand il-partikular.

Qrib waħda minn dawn il-gżejjer kien sar in-nawfraġju ta' San Pawl. Fis-sena 1845 fuq il-gżira l-kbira giet imqiegħda l-istatwa ta' San Pawl, xogħol l-iskultur Ġismondu. Fil-gżira l-kbira ma hemm xejn għajr fniek salvaġġi.







It-torri ta' Selmun hu mibni fil-post magħruf bil-laqam ta' Għajn Ħadid u l-art kient donazzjoni ta' Caterina Vitale. Min raha t-Torri Verdala u t-Torri ta' Selmun jaħseb li huma ta' l-istess żmien minħabba fil-pjanta tewmija tagħhom, iżda fis-sewwa hemm mitejn sena bogħod minn wieħed għal ieħor. Verdala nbena qrib is-1790 fuq pjanti ta' l-arkitett Cachia, liema pjanta giet imsawwra fuq dik tat-Torri Verdala. Selmun għanda xeħta barokka u t-torrijiet tal-kantunieri tiegħu huma spazjużi aktar minn dawk ta' Verdala u l-binja sħieħa hi aktar goffa.

Dawn ir-ritratti qed jiġu ppublikati bil-permess ta' Heritage Malta